

Brussell, 15 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7565/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0082(NLE)**

**WTO 77
SERVICES 21
COASI 42**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 141 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Komitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel, il-Proċedura ta' Medjazzjoni u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 141 final.

Mehmuż: COM(2019) 141 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.3.2019
COM(2019) 141 final

2019/0082 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Komitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel, il-Proċedura ta' Medjazzjoni u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika, b'rabta mal-adozzjoni prevista tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel, il-Proċedura ta' Medjazzjoni u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ("il-Ftehim") għandu l-għan li jilliberalizza u jiffaċilita l-kummerċ u l-investment, kif ukoll jippromwovi relazzjoni ekonomika aktar mill-qrib bejn il-Partijiet.

Fl-20 ta' Diċembru 2018 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kkonkluda l-Ftehim wara li nġhata kunsens mill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2018. Il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

L-Artikolu 22.1(1) tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat Konġunt li jinkludi rappreżentanti miż-żewġ Partijiet. L-Artikolu 22.1(4) jipprevedi li sabiex jiġi żgurat li l-Ftehim jopera tajjeb u b'mod effettiv, "il-Kumitat Konġunt għandu:

- (a) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa tiegħu; u
- (b) fl-ewwel laqgħa tiegħu jadotta r-Regoli ta' Proċedura ta' Panel u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri kif imsemmi fl-Artikolu 21.30, kif ukoll il-Proċedura ta' Medjazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.6."

Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt se jittieħdu b'kunsens.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Waqt l-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat Konġunt irid jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel, il-Proċedura ta' Medjazzjoni u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri ("l-att previst").

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel, il-Proċedura ta' Medjazzjoni u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri.

Il-Partijiet tal-Ftehim ftiehem dwar l-abbozzi tad-dokumenti rispettivi. Soġġetti għall-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, jenħtieġ li dawn jiġu adottati waqt l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt li, skont l-Artikolu 22.1(2), irid jinżamm fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, jiġifieri mhux aktar tard minn Mejju 2019.

Is-sustanza tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel, il-Proċedura ta' Medjazzjoni u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri tal-Arbitri li huma mehmużin huma simili ħafna għal dawk adottati mill-Kumitati Konġunti stabbiliti minn Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika oħrajn jew ftehimiet kummerċjali oħrajn.

L-adozzjoni ta' dawn id-dokumenti hija essenzjali biex id-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet isiru operazzjonali, u b'mod aktar speċifiku, biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu 21 (Soluzzjoni tat-Tilwim) u fil-Kapitolu 22 (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali).

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’ sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”¹.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b’effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali b’konformità mal-Artikolu 22.2 tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentalni, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, il-Ġermanja v il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel, il-Proċedura ta' Medjazzjoni u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ("il-Ftehim") ġie approvat f'isem l-Unjoni fl-20 ta' Diċembru 2018.
- (2) Skont l-Artikolu 22.1(4)(e) u (f) tal-Ftehim, fl-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat Konġunt irid jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel u l-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri kif imsemmi fl-Artikolu 21.30, kif ukoll il-Proċedura ta' Medjazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 21.6. tal-Ftehim.
- (3) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, għax id-deċiżjoni prevista tal-Kumitat Konġunt se tkun vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, ir-Regoli ta' Proċedura ta' Panel, il-Kodiċi tal-Kondotta għall-Arbitri u l-Proċedura ta' Medjazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inklużi l-annessi tiegħu, kif meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*